MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1045/2002/1

**Globe Insurance Brokers Limited**

**Vs**

**Joseph Lanzon**

## It-Tribunal

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm135.22c (mija u hamsa u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) rapprezentanti 'premium' ghal assikurazzjonijiet mahruga mis-socjeta' attrici stess favur u sabiex ikopri l-konvenut.

Ra r-risposta fejn il-konvenut qal li ma ghandu jhallas l-ebda ammont lis-socjeta' attrici stante illi kien informha li ma kienx behsiebu jkompli jinxurja maghha u illi l-insurance cover li allegatament tatu ma sarx bil-kunsent tieghu.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda.

Ikkunsidra li Salvino Mifsud Bonnici xehed bil-gurament li s-socjeta' attrici bhala brokers kienet "pplacjat" insurance ma' Independent Insurance. Is-socjeta' attrici kienet halset il-premium ghaliex irceviet istruzzjonijiet minn ghand il-konvenut.

Il-konvenut ikkonferma li talab li s-socjeta' attrici jassiguraw id-dar tieghu. Din it-talba saret fi Frar, 2001. F'Mejju ta' dik is-sena l-konvenut informa lis-socjeta' attrici li ma kellux iktar interess fl-assikurazzjoni ta' daru.

Il-konvenut qal li ma ghandu jhallas xejn ghaliex is-socjeta' attrici nformatu li ma ghandu jhallas xejn. Il-konvenut qal li l-"policy" tad-dar hu hallsu b'cheque separat.

Ikkunsidra li l-konvenut jammetti li ried li s-socjeta' attrici jassikura daru. Jghid ukoll li kien hallas ghal dan. Illi fir-risposta tieghu l-konvenut qal li "ma kienx behsiebu jkompli jinxurja" mas-socjeta' attrici.

Illi fid-dawl tal-provi prodotti jirrizulta li l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda. Illi l-konvenut stess jghid li talab polza ta' assikurazzjoni fi Frar, 2001. Illi s-socjeta' attrici hadet hsieb dan. Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut qal li "l-Policy tad-dar hallastha b'cheque separat".

Illi din id-dikjarazzjoni tmur kontra dak li qal l-konvenut fir-risposta tieghu (fejn qal li l-assikurazzjoni ma sarx bil-kunsens tieghu).

Illi jekk il-konvenut kien qed jecepixxi pagament kien l-istess konvenut li kellu jipprova li sar pagament ghal assikurazzjoni tad-dar tieghu. Illi l-konvenut naqas li jipprova l-pagament.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad ir-risposta tal-konvenut u jordna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm135.22c (mija u hamsa u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) kif mitlub fic-citazzjoni bl-ispejjez u bl-imghax mill-15 ta' Mejju, 2002.

--------------------------------TMIEM--------------------------------